MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 2108/1998/1

**Is-socjeta‘ Express Trailers Limited**

**Vs**

**Fire Tech Limited**

Il-Qorti,

Rat l-aviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tigi kundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija u disgha u sebghin liri u hdax-il centezmu maltin (Lm679.11) dovuta lis-socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta ghas-servizz rez lis-socjeta konvenuta ta’ garr ta’ merkanzija u servizzi u spejjez ohra relatati skond ir-rendikont anness mal-avviz u markat Dokument A, bl-imghax kummercjali mid-data ta‘ l-istess rendikont (Dokument A) u bl-ispjjez (inkluzi dawk ta l-ittra ufficjali datata erbgha (4) ta’ Settembru, 1998 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju

prezentati mal-avviz fl-ismijiet premessi) kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti anness mal-avviz a fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mis-socjeta konvenuta (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici mhuwiex dovut mis-socjeta konvenuta.

2. Illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante illi s-socjeta konvenuta kienet infurmat lill-avukat tas-socjeta attrici permezz ta' ittra taghha datata 28 ta' Settembru 1998 li kopja taghha giet annessa mal-eccezzjonijiet u mmarkata bhala Dokument A li hija kienet disposta li thallas parti mill-ammont mitlub u li xtaqet jkollha rendikont dettaljat ta' dak li hemm jew ma hemmx pendenti, izda dan baqa ma sarx u ghalhekk l-ammont mitlub ma huwiex dovut.

3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha moghti, fl-24 ta' Jannar 2000 (fol 14 sa fol 16 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Kevin Filletti</u> (fol 23, a fol 45 u fol 51 et seq ibid) spjega anke permezz ta' dokumenti a fol 26, fol 27, fol 47 u fol 48 tal-atti konssistenti fil-'quotation' relattiva ghal dan il-kaz, illi s-socjeta konvenuta kienet accettat sabiex tinkariga lil dik attrici in rigward trasport ta' merkanzija mill-Italja lejn Malta. L-istess xhud kien ghamel enfasi, fix-xhieda tieghu illi, kif jidher mill-istess 'quatation' accettata mis-socjeta konvenuta illi l-<u>volum</u> kollu ta' merkanzija trasportata kellu jkun ta' 14-il metru kubu waqt li l-<u>piz</u> ma kellux jeccedi erba' tunnellati. Pero, meta l-istess merkanzija ordnata mis-socjeta konvenuta kienet waslet hawn Malta irrisulta li l-piz kien ghaxar tunnellati waqt li l-volum tal-istess

merkanzija kien, filfatt, ghoxrin metru kubu. Ghalhekk, dejjem a basi tal-'quotation' originali u gja miftehma, inharget il-fattura relattivi finali a basi tal-piz u volum tal-merkanzija li, filfatt, waslet f'Malta. Inoltre meta s-socjeta attrici kkonsenjat il-merkanzija lil dik konvenuta , din accettatha waqt li inghad li l-pagament a basi ta-imsemmija fattura kien ser jsir mill-istess socjeta konvenuta, permezz ta' 'cheque'. Pero jidher li din is-socjeta kienet lmentat li '… l-ispejjes gew gholjin wisq' u wara li kienu saru trattativi bejn l-partijiet, s-socjeta attrici kkoncediet skont fil-kont originali ammontanti ghal Lm927.49 billi inhargu zewg 'credit notes' favur is-socjeta konvenuta kif jidher mid-dokumenti a fol 32 u fol 33 tal-atti, liema skont kien jammonta ghal Lm248.38. In rigward l-ammont kif ridott ossija Lm679.11, is-socjeta konvenuta ma ghamlet l-ebda hlas. Dwar il-premess, ix-xhud issottolinea illi 'Kemm il-darba, ukoll, tajnihom rendikont dettaljat' u li kienu avzaw lis-socjeta konvenuta illi kienu ser jigu intavolati proceduri fil-Qorti f'nuqqas ta' hlas.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun illi ssir referenza ghad-dokument a fol 3 u fol 31 tal-atti minn fejn jidher li s-socjeta konvenuta kienet disposta li thallas Lm534.65 a saldu ta' din il-kwistjoni liema proposta ma gietx accettata mis-socjeta attrici. Tali proposta li ma gietx accettata tinsab fid-dokument a fol 34 ibid (ara ukoll fol 45 ibid).

Ikkunsidrat

Illi Simon Camilleri (fol 55 et seq ibid) spjega illi s-socjeta attrici kienet qed tghid li meta l-merkanzija in kwistjoni kienet waslet f'Malta, din kienet sabet '…. kubagg differenti fis-sens li kien hemm aktar kubagg minn dak fil-'quotation' ' u ssottoliena li "Dan ma kienx accettabbli ghalina' . Hu kompla jghid illi 'Il-merkanzija giet konsenjata lilna' izda 'Ahna ma ikkonfermajniex li kien hemm differenza fil-kubagg' bejn dak indikat fl-istess 'quotation' u dak effettivament importat. In rigward l-istess punt, hu sema' li ' is-'supplier' (taghna barra minn Malta)

qalilna li, filfatt, il-konsenja saret bl-istess kubagg ordnat originarjament, forsi b'xi varjazzjoni zghira'.

Ikkunsidrat

Illi, wara li saret referenza ghall-provi prinicipali prodotti waqt dawn il-proceduri, jrid jinghad li:-

a) Is-socjeta konvenuta qed tikkontendi li din l-azzjoni hi intempestiva in vista li l-istess socjeta konvenuta kienet disposta li thallas parti mill-ammont mitlub u li xtaqet li jkollha rendikont dettaljat dwar dak li hu pendenti 'izda dan baqa' ma sarx.  Dwar din l-eccezzjoni, jidher car mix-xhieda ta' Kevin Filletti u mid-dokumenti esebiti minn dan u mis-socjeta attrici, illi s-socjeta konvenuta kienet ghamlet proposta ta' pagament 'in parte' li, pero', ma gietx accettata minn dik attrici. Inoltre jidher ukoll li kien sar rendikont dettaljat dwar dak pretiz mis-socjeta attrici, li kienet ukoll disposta li tikkoncedi skont, kif hemm fuq spjegat.  Inoltre ta' min isemmi illi kif jidher mid-dokument a fol 31, is-socjeta konvenuta kienet inghatat hamest ijiem zmien sabiex thallas l-ammont kif ridott u, kif risultanti mill-istess avviz, kienet giet presentata ittra ufficjali ghall-istess skop. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tara kif l-azzjoni in ezami tista' tigi b'xi mod konsiderata intempestiva.
b) Dwar l-ammont mitlub, il-Qorti tinsab konvinta, mic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, illi s-socjeta konvenuta, filfatt, ordnat merkanzija u eccess ta' dak citat fiz-zewg 'quotations' accettati.  Dwar dan il-punt, Kevin Filletti issottolinea illi, meta s-socjeta attrici saret taf b'dan meta l-merkanzija waslet f'Malta, is-socjeta attrici harget fattura ta' dak kollu dovut lilha ghas-servizz ta' trasport imsemmi, a basi tal-istess 'quotations' miftehma originarjament mas-socjeta konvenuta.  In rigward dan, kif di, gja inghad is-socjeta attrici kienet, pero', disposta li tohrog favur dik konvenuta, l-imsemmija 'credit notes' u filfatt l-ammont mitlub fl-avviz hu dak risultanti wara din ir-riduzzjoni.

Ghalhekk il-Qorti anke f'dan il-kaz ma tistax tifhem ghaliex l-ammont mitlub mis-socjeta attrici mhumiex dovut mis-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi issir referenza ghar-rikors a fol 14 tal-atti u ghad-digrieti preliminari moghtija minn din il-Qorti u in rigward id-digriet finali, l-Qorti tirrileva illi ma irrisultax dak stipulat fl-artikolu 836(1)(c)(d)(e)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijet ta’ Malta kif premess fl-istess rikors. Inoltra fid-dawl tas-sentenza li ser tinghata, ma tarax li hemm lok ghar-riduzzjoni mituba. Ghalhekk it-talbiet maghmulin fl-istess rikors qed jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm679.11 bl-imghax legali mit-tnejn (2) ta’ Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta‘ Settembru 1998 u tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u ta’ sekwestru tat-28 ta’ Ottubru 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------